MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 387/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Galea**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Galea ta’ 31 sena iben Lucrezio Joseph u Mary Doris nee` Balzan imwieled Qormi fl-01/11/1973 u residenti 9, ‘Morning Breeze’, Triq Gdida fi Triq l-Ghakkies, Naxxar, u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 116274M fejn gie akkuzat talli fis-6 ta’ Settembru 2005 ghal habta ta’ 14.30hrs fil-fond 9 ‘Morning Breeze’, Triq Gdida fi Triq l-Ghakkies, Naxxar minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, naqas li jhalli lil Jean Schembri jidhol fil-proprjeta` tieghu;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Ottubru, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat George Galea hati u kkundannatu multa ta Lm25 ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' George Galea, minnu prezentat fid-9 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata;

Rat il-verbal registrat mill-Avukata Dott. Nadine Sant ghall-intimat Avukat Generali, li permezz tieghu eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell peress li, skond hi, dan kien karenti minn dak rikjest *ad validitatem* fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet; rat is-sentenzi indikati minnhom;

Peress li hi tal-fehma li r-rikors ta' appell fih il-minimu rikjest ghall-fini ta' l-Artikolu 419(1)(b) tal-Kap. 9;

Tirrespingi l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali u tordna l-prosegwiment tas-smigh ta' dana l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------